DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Lulju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2008/630/KE dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għall-krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4739)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/387/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ikel u l-għalf b'mod ġenerali, u b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza fejn huwa evidenti li ikel jew għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat/i.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali ([2]), tistipula li l-proċess tal-produzzjoni tal-annimali u tal-prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali għandu jkun sorveljat bil-għan li tinstab il-preżenza ta' ċerti residwi u sustanzi f'annimali ħajjin, fil-ħmieġ tagħhom u fis-sustanzi fluwidi ta' ġisimhom u fit-tessuti, fil-prodotti tal-annimali, fl-għalf tal-annimali u fl-ilma tax-xorb.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tat-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati ([3]), tipprovdi regoli għall-metodi analitiċi li għandhom jintużaw fl-ittestjar ta' kampjuni uffiċjali meħuda skont id-Direttiva 96/23/KE u tispeċifika kriterji komuni għall-interpretazzjoni tar-riżultati analitiċi ta' laboratorji uffiċjali ta' kontroll għal kampjuni bħal dawn.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali ([4]) jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi farmakoloġikament attivi u biex tkun stabbilita l-konċentrazzjoni massima ta' residwi ta' sustanzi bħal dawn li jistgħu jkunu permessi f'ikel li joriġina mill-annimali, b'mod partikolari l-limitu massimu ta' residwi (MRLs).

(5) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 jistabbilixxi regoli u proċeduri biex ikun stabbilit il-livell ta' residwi ta' sustanza farmakoloġikament attiva għal raġunijiet ta' kontroll fil-każ ta' ċerti sustanzi li għalihom ma kienx stabbilit limitu massimu ta' residwi skont dak ir-Regolament, b'mod partikolari punti ta' referenza għal azzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/630/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għall-krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([5]) ġiet adottata wara l-iskoperta tal-preżenza ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi mhux awtorizzati fi krustaċji importati minn dak il-pajjiż terz u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Din tipprovdi li l-kunsinni ta' krustaċji importati fl-Unjoni mill-Bangladexx u maħsuba għall-konsum uman għandhom jiġu ttestjati għall-preżenza ta' chloramphenicol, metaboliti tan-nitrofurani, tetracycline, malakita ħadra u kristall vjola.

(7) Ir-riżultati tal-ispezzjoni tal-Kummissjoni lill-Bangladexx f'Jannar 2010 wrew li n-nuqqas li kien identifikat qabel ta' kapaċità xierqa mill-laboratorju għall-ittestjar ta' ċerti residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-annimali ħajjin u prodotti minn annimali għadha tippersisti. Barra minn hekk, hu wkoll magħruf li l-oxytetracycline u l-chlortetracycline jintużaw fil-Bangladexx.

(8) Billi l-miżuri meħuda s'issa mill-Bangladexx mhumiex biżżejjed, tkun ħaġa xieraqa li l-miżuri ta' emerġenza preskritti fid-Deċiżjoni 2008/630/KE li jiżguraw il-protezzjoni effettiva u uniformi tas-saħħa tal-bniedem fl-Istati Membri kollha jiġu riveduti. B'mod partikolari, jinħtieġ li tkun permessa l-importazzjoni ta' krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum uman fl-Unjoni, sakemm isiru t-testijiet xierqa fil-post ta' oriġini.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([3]) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.
([4]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.
([5]) ĠU L 205, 1.8.2008, p. 49.

(9) Barra minn hekk, proporzjon sinifikanti ta' krustaċji importati mill-Bangladexx għandhom jgħaddu mit-testijiet analitiċi mill-Istati Membri għat-tfittix tal-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi qabel ma dawn jitpoġġew fis-suq fl-Unjoni. Ir-riżultati ta' testijiet bħal dawn għandhom jipprovdu informazzjoni aktar preċiża dwar il-livell attwali ta' kontaminazzjoni ma' dawk ir-residwi fil-krustaċji li joriġinaw mill-Bangladexx.

(10) Huwa xieraq li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi mwettqa, meta dawk ir-riżultati juru l-preżenza ta' sustanzi farmakoloġikament attivi mhux awtorizzati għall-użu f'annimali li jipproduċu l-ikel, jew aktar mil-limiti massimi ta' residwu stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom ukoll jippreżentaw b'mod regolari rapporti lill-Kummissjoni dwar it-testijiet kollha mwettqa minnhom.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2008/630/KE huma mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni lejn l-Unjoni tal-kunsinni sakemm dawn ikollhom magħhom ir-riżultati ta' test analitiku mwettaq fl-istadju tal-oriġini biex ikun żgurat li dawn mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem ("it-test analitiku").

2. It-test analitiku kellu jkunu imwettaq fuq kampjun uffiċjali, sabiex tinstab il-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, kif definit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u b'mod partikolari dawn kellhom jiġu ttestjati għall-preżenza ta':

— chloramphenicol, tetracycline, oxytetracycline, chlortetracycline;

— metaboliti tan-nitrofurans;

— aħdar malakita u vjola kristall u l-metaboliti leuco rispettivi tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kunsinni tal-prodotti li ma jkollhomx magħhom ir-riżultati tat-test analitiku sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jiżgurax li kull kunsinna tgħaddi mill-verifiki xierqa kollha mal-wasla tagħha fuq il-Post ta' Fruntiera tal-Unjoni biex ikun żgurat li dawn mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom, permezz ta' pjanijiet xierqa dwar it-teħid tal-kampjuni, jiżguraw li l-kampjuni uffiċjali jittieħdu minn tal-anqas 20 % tal-kunsinni msemmija fl-Artikolu 1.

Dawk il-kampjuni uffiċjali għandhom jgħaddu minn testijiet analitiċi għas-sejbien tal-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, kif definit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, u b'mod partikolari dawn għandhom ikunu ġew ittestjati għall-preżenza tal-chloramphenicol, tetracycline, oxytetracycline, chlortetracycline u metaboliti tan-nitrofurans.

Artikolu 4

Il-kunsinni li minnhom ikunu ttieħdu l-kampjuni uffiċjali skont l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(3) għandhom jinżammu taħt detenzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat sakemm jitlestew it-testijiet analitiċi.

Dawk il-kunsinni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ir-riżultati tat-testijiet analitiċi jikkonfermaw il-konformità tal-kunsinni mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

Artikolu 4a

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi jekk dawk it-testijiet jiżvelaw il-preżenza ta' kwalunkwe sustanza farmakoloġikament attiva:

(a) ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 f'livell li jisboq il-limitu massimu ta' residwu stabbilit skont dak ir-Regolament; jew

(b) mhux ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

Ir-riżultati ta' dawk it-testijiet analitiċi għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tas-sistema ta' twissija rapida mwaqqfa permezz tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. L-Istat Membru kkonċernat mhuwiex obbligat li jinnotifika lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' tali testijiet permezz ta' sistema ta' twissija rapida fejn il-livell ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi tkun anqas:

(i) mill-punt ta' referenza għall-azzjoni stabbilita għal dik is-sustanza permezz tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009; jew

(ii) mil-limitu minimu ta' rendiment mitlub li kien stabbilit għal dik is-sustanza msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE (**).

Artikolu 4b

L-Istati Membri għandhom jippreparaw rapport kull tliet xhur, li fih jagħti kont tar-riżultati kollha tat-testijiet analitiċi mwettqa fl-aħħar tliet xhur fuq kunsinni tal-prodotti mill-Bangladexx.

Dawn ir-rapporti għandhom jitressqu lill-Kummissjoni matul ix-xahar ta' wara kull perjodu ta' tliet xhur, f'April, Lulju, Ottubru, u Jannar.

(*) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.
(**) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-15 ta' Lulju 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni